## QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 8 ta’ Frar, 2002.**

**Appell Nru 208/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mariano sive Mario Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mariano sive Mario Camilleri talli fl-4 ta’ Marzu, 2001, ghall-habta tal-4.30 pm gewwa Hal-Balzan:

**(1)** bl-hsieb li jaghmel offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Joseph Attard u Christine Attard, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;
**(2)** talli fl-istess periodu, zmien, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Attard u Christine Cachia skond kif iccertifika Dott. Mario Scerri M.D.;
**(3)** talli fl-istess periodu, lok, zmien u cirkostanzi hedded lill-ahwa Joseph u Paul-George Attard kif ukoll lil Christine Cachia b’oggett iebes;
**(4)** talli fl-istess periodu, zmien, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;
**(5)** talli fl-istess periodu, zmien, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied;
**(6)** talli fl-istess periodu, zmien, lok u cirkostanzi volontarjament hassar [u] ghamel hsara volontarja billi qaccat xi oggetti tad-deheb liema hsara ma tiskorrix is-somma ta’ ghaxar liri Maltin a detriment ta’ Joseph Attard; u
**(7)** talli huwa recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-11 ta’ Novembru, 1997;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Novembru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lil Mariano sive Mario Camilleri mill-imputazzjoni numru sitta, izda sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha (bl-applikazzjoni tal-principji li jirregolaw l-unicita` u l-assorbiment tar-reati), u kkundannatu multa ta' tlett mitt lira (Lm300), kif ukoll rabtet lill-istess Camilleri b'obbligazzjni tieghu nnifsu li ma jimmolestax lil Joseph Attard ghal zmien sena taht penali ta' mitt lira, u dan skond l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Mariano sive Mario Camilleri, minnu ppresentat fl-20 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda incident li sehh f'Hal-Balzan fl-4 ta' Marzu tas-sena l-ohra ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofs in-nhar. Il-fatti bazikament huma li Joseph Attard, it-tfajla tieghu, u huh ta' hdax-il sena kienu qed jahdmu fil-forn gestit mill-istess Joseph Attard. F'hin minnhom it-tifel ta' hdax-il sena u t-tfajla bdew ihottu xi injam biex idahhluh gewwa l-forn ghall-hruq. Dak il-hin l-appellant deherlu li dawn kienu qed jaghmlu wisq storbju peress li hu ried jorqod ghax jahdem bhala *watchman*; l-appellant ghalhekk dahal fil-forn u hemm, fost affarijiet ohra, aggredixxa lil Joseph Attard u tah daqqa f'rasu b'piz ta' ratal (minn dawk li jintuzaw fil-mizinijiet antiki u manwali) li kien jinsab fl-istess forn. L-offiza li effettivament garrab Joseph Attard f'rasu kienet wahda ta' natura hafifa (u dan apparti offizi ohra, ukoll ta' natura hafifa, li garrbu kemm Joseph Attard kif ukoll Christine Cachia li marret taqbez ghal Joseph Attard).

L-appellant ghandu tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx legalment issibu hati ta' tenttaiv ta' offiza gravi. Skond hu, is-semplici fatt li qabad u ta' daqqa bir-ratal li sab hemm gew, ma kienx jammonta ghal tentattiv ta' offiza gravi. Dana l-aggravju hu infondat u kwazi jirrazenta l-fieragh. Il-fatt li <u>r-risultat finali</u> kien biss offiza ta' natura hafifa ma jfissirx necessarjament li ma setax kien hemm l-intenzjoni specifika li wiehed jikkaguna offiza gravi. Jekk kienx hemm jew le tali intenzjoni hija kwistjoni ta' fatt, rimessa ghall-gudizzju prudenti ta' min ghandu jiggudika l-fatti, f'dan il-kaz il-magistrat sedenti fl-ewwel qorti, billi jittiehed kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom (u forsi l-aktar importanti) tan-natura tal-istrument uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-istrument. F'dan ir-rigward din il-Qorti ma tistax taghmel ahjar hlief li tirriproduci is-segwenti bran mis-sentenza tal-ewwel qorti, liema bran huwa ineccepibbli ghal dik li hi esposizzjoni ta' dritt u konstatazzjoni ta' fatt, hlief ghall-uzu tal-kelma "ferita" flok "offiza":

*"Illi rigward l-ewwel akkuza il-Qorti tosserva li* ***l-oggett*** *(ratal tal-hadid) li ntuza fil-kommissjoni tar-reat, kif ukoll* ***il-parti tal-gisem*** *(ras) fejn inghatat id-daqqa, jimmanifestaw l-intenzjoni specifika da parti tal-imputat, awtur ta' dan id-delitt, li*

*jikkaguna ferita ta' natura gravi, u l-mezz uzat kien certament idoneu sabiex jikkaguna tali ferita. Ghaldaqstant jikkonfigura r-reat ta' tentattiv ta' ferita gravi fuq il-persuna".*

Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju hu fis-sens li galadarba l-ewwel qorti affermat li fil-hin ta' l-incident l-appellant (allura imputat) kien "irrabjat u taht agitazzjoni mentali", hu ma setax, fil-hin ta' l-incident, ifforma l-intezjoni specifika rikjesta ghall-finijiet tar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni. Skond l-appellant l-ewwel qorti qalet affarijiet kontradittorji. Pero` anke hawn l-appellant ma ghandux ragun. Anke li kieku f'dan il-kaz si tratta tal-"agitazzjoni tal-mohh" kontemplata fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 227 tal-Kodici Kriminali – li <u>certament ma huwiex il-kaz</u> peress li dana l-paragrafu jaghti l-beneficcju tal-attenwanti biss meta l-provokazzjoni ossia l-att provokatorju ikun tali li f'nies ta' <u>temperament ordinarju komunement</u> igib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt – il-ligi stess sahansitra tikkontempla fl-imsemmi paragrafu (c) il-ko-ezistenza tal-"agitazzjoni tal-mohh" mal-ingredjenti <u>kollha</u> tal-omicidju volontarju, inkluz, ghalhekk, l-ingredjent ta' l-intenzjoni specifika. L-ewwel qorti, ghalhekk, ma qalet xejn kontradittorju; anzi pjuttost jidher li kienet ben konxja tat-tieni parti tal-imsemmi paragrafu (c) u, korrettement, ma applikatx l-attenwanti in kwistjoni, kif jirrizulta mill-artikoli tal-ligi kwotati fis-sentenza taghha.

L-ahhar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena, li hu jqis li kienet eccessiva tenut kont tal-fatt li l-ewwel qorti esprimiet ruhha fis-sens illi kieku Joseph Attard, huh u t-tfajla uzaw ftit aktar prudenza l-incident ma kienx isehh. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant. In-nuqqas ta' prudenza ta' persuna ma jintitolax persuna ohra li taggrediha bil-mod selvagg kif ghamel l-appellant, haga li ma tista' b'ebda mod tigi tollerata f'socjeta` civili[1]. Jekk l-ewwel qorti ppekkat fir-rigward tal-piena, dan kien fis-sens li f'dan il-kaz kienet aktar indikata l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed jigi wkoll respint.

Fl-ahhar nett il-Qorti tosserva li, evidentement bi zvista, ma jirrizultax li l-garanzija skond l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali saret quddiem l-ewwel qorti bl-miktub kif kellha ssir anke fil-kaz meta jkun hemm avviz ta' appell. Ghalhekk din il-Qorti ser tordna li tali garazija ssir kif jehtieg l-Artikolu 386 tal-Kap. 9 fl-atti ta' din il-Qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li tordna li l-obbligazzjoni skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 issir bil-miktub fl-atti ta' dana l-appell bil-forma kif hawn annessa ma' din is-sentenza. Il-Qorti tigbed ukoll l-attenzjoni tar-Registratur ghas-sentenza tal-11

[1] Ara f'dan ir-rigward il-kummenti ta' din il-Qorti fis-sentenza tal-1 ta' Frar, 2002 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Manwel Borg***.

ta’ Novembru, 1997 (imsemmija fis-seba’ imputazzjoni) sabiex jivverifika jekk il-multa imposta b’dik is-sentenza thallsitx, u fin-nuqqas jipprocedi skond il-ligi.

Aldo Testone
Dep. Registratur

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 8 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 208/2001**

**Il-Pulizija**
**v.**
**Mariano sive Mario Camilleri**

**Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mariano sive Mario Camilleri**, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 8 ta’ Frar, 2002, jien hawn taht iffirmat, Mariano sive Mario Camilleri, nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li nzomm il-kwiet ma' Joseph Attard, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm 100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal tnax-il xahar mill-lum.

______________________
(Mariano sive Mario Camilleri)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 8 ta' Frar, 2002.

______________________
Deputat Registratur